# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

9 ta' Marzu 2010 *

Fil-Kawżi magħquda C-379/08 u C-380/08,

li għandhom bħala suġġett talbiet għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mit-Tribunale amministrativo regionale della Sicilia (l-Italja), permezz ta' deċiżjonijiet tal-5 u tad-19 ta' Ġunju 2008 ripettivament, li waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-21 ta' Awwissu 2008, fil-proċedura

**Raffinerie Mediterranee (ERG) SpA** (C-379/08),

**Polimeri Europa SpA,**

**Syndial SpA**

vs

**Ministero dello Sviluppo economico,**

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

**Ministero della Salute,**

**Ministero Ambiente e Tutela del Territorio e del Mare,**

**Ministero delle Infrastrutture,**

**Ministero dei Trasporti,**

**Presidenza del Consiglio dei Ministri,**

**Ministero dell'Interno,**

**Regione siciliana,**

**Assessorato regionale Territorio ed Ambiente (Sicilia),**

**Assessorato regionale Industria (Sicilia),**

**Prefettura di Siracusa,**

**Istituto superiore di Sanità,**

**Commissario Delegato per Emergenza Rifiuti e Tutela Acque (Sicilia),**

**Vice Commissario Delegato per Emergenza Rifiuti e Tutela Acque (Sicilia),**

**Agenzia Protezione Ambiente e Servizi tecnici (APAT),**

**Agenzia regionale Protezione Ambiente (ARPA Sicilia),**

**Istituto centrale Ricerca scientifica e tecnologica applicata al Mare,**

**Subcommissario per la Bonifica dei Siti contaminati,**

**Provincia regionale di Siracusa,**

**Consorzio ASI Sicilia orientale Zona Sud,**

**Comune di Siracusa,**

**Comune di Augusta,**

**Comune di Melilli,**

**Comune di Priolo Gargallo,**

**Azienda Unità sanitaria locale N. 8,**

**Sviluppo Italia Aree Produttive SpA,**

**Invitalia (Agenzia nazionale per l'attrazione degli investimenti e lo sviluppo d'impresa) SpA**, li kienet Sviluppo Italia SpA,

fil-preżenza ta':

**ENI Divisione Exploration and Production SpA,**

**ENI SpA,**

**Edison SPA,**

**ENI SpA** (C-380/08)

vs

**Ministero Ambiente e Tutela del Territorio e del Mare,**

**Ministero dello Sviluppo economico,**

**Ministero della Salute,**

**Regione siciliana,**

**Istituto superiore di Sanità,**

**Agenzia per la Protezione dell'Ambiente e per i Servizi tecnici,**

**Commissario delegato per l'Emergenza rifiuti e la Tutela delle Acque,**

fil-preżenza ta':

**Invitalia (Agenzia nazionale per l'attrazione degli investimenti e lo sviluppo d'impresa) SpA,** li kienet Sviluppo Italia SpA,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn V. Skouris, President tal-Awla, J. N. Cunha Rodrigues, K. Lenaerts, J.-C. Bonichot, R. Silva de Lapuerta, P. Lindh u C. Toader (Relatur), Presidenti ta' Awla, C. W. A. Timmermans, K. Schiemann, P. Kūris, E. Juhász, A. Arabadjiev u J.-J. Kasel, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,
Reġistratur: L. Hewlett, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-15 ta' Settembru 2009,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Raffinerie Mediterranee (ERG) SpA, minn D. De Luca, M. Caldarera, L. Acquarone u G. Acquarone, avukati,

— għal Polimeri Europa SpA u Syndial SpA, minn G. M. Roberti, I. Perego, S. Grassi u P. Amara, avukati,

— għal ENI SpA, minn G. M. Roberti, I. Perego, S. Grassi u C. Giuliano, avukati,

— għal Sviluppo Italia Aree Produttive SpA u Invitalia (Agenzia nazionale per l'attrazione degli investimenti e lo sviluppo d'impresa) SpA, li kienet Sviluppo Italia SpA, minn F. Sciaudone, avukat,

— għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn D. Del Gaizo, avvocato dello Stato,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn C. Zadra u D. Recchia, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2009,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas u tad-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' April 2004, dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 8, p. 357).

2 Dawn it-talbiet tressqu fil-kuntest ta' kawżi bejn il-kumpanniji Raffinerie Mediterranee (ERG) SpA, Polimeri Europa SpA, Syndial SpA, u ENI SpA u diversi awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u komunali Taljani dwar il-miżuri ta' rimedju għal danni ambjentali adottati minn dawn l-awtoritajiet fir-rigward tar-Rada di Augusta (l-Italja) li madwaru jinsabu l-installazzjonijiet u/jew l-artijiet tal-imsemmija kumpanniji.

**Il-kuntest ġuridiku**

*Id-dritt tal-Unjoni*

3 Il-premessi tad-Direttiva 2004/35 li huma rilevanti għall-kawża preżenti jipprovdu dan li ġej:

"(1) […]Kondizzjonijiet lokali għandhom jitqiesu meta tittieħed deċiżjoni dwar kif għandu jseħħ ir-rimedju għad-danni.

(2) Il-prevenzjoni u r-rimedju għad-danni ambjentali għandhu jkun implimentat bis-saħħa tal-prinċipju ta' 'min iniġġes iħallas', kif indikat fit-Trattat u fid-dawl tal-prinċipju ta' l-iżvillup sostenibbli. Il-prinċipju fondamentali ta' din id-Direttiva għandu għalhekk ikun li l-operatur li minħabba l-attivitaÏ tiegħu jikkawża danni ambjentali jew jikkawża periklu iminenti ta' danni għandu jitqies finanzjarjament responsabbli, dan sabiex l-operatur jadotta miżuri u jiżviluppa drawwiet biex jiminimizza r-riskju ta' danni ambjentali sabiex l-esposizzjoni tiegħu għar-responabiltaÏ finanazjarja tonqos.

(3) […] [L-]għan ta' din id-Direttiva, liema għan huwa li jiġi stabbilit qafas komuni għall-prevenzjoni u r-rimedju għad-danni ambjentali bi prezz li jkun raġonevoli għas-soċjetaÏ, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti minn l-Istati Membri u għalhekk jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Kommunità […].

[…]

(7) Sabiex tkun tista' ssir stima ta' danni lil l-art kif definiti f'din id-Direttiva l-użu ta' proċeduri ta' stima tar-riskju biex jiġi stabbilit sa liema punt jistgħu jeffetwaw b'mod negattiv is-saħħa tal-bniedem huma bżonjużi.

[…]

(24) Huwa neċessarju li mezzi effettivi ta' l-implimentazzjoni u infurzar jkunu disponibbli, filwaqt li jkun assigurat li l-interessi leġittimi ta' l-operaturi relevanti u partijiet oħra li għandhom interess ikunu adekwatament protetti. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu inkarigati minn kompiti speċifiċi li jirrikjedu diskrezzjoni amministrattiva xierqa, jiġifieri l-inkarigu biex issir stima ta' l-importanza tad-danni u d-deċiżjoni liema miżuri ta' rimedju għandhom jittieħdu.

[…]

(30) Danni kkawżati qabel ma jispiċċa t-terminu perentorju għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva mhux kopert mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

[…]"

4 Skont l-Artikolu 2(11) tad-Direttiva 2004/35 "miżuri ta' rimedju" jfissru "kull azzjoni, jew tagħqid ta' azzjonijiet, li tinkludi miżuri ta' mitigazzjoni jew temporanji bl-iskop ta' restorazzjoni, reabilitazzjoni jew tibdil tar-riżorsi naturali milquta u/jew is-servizzi mfixxkla, jew l-provvediment ta' alternativa ekwivalenti għal dawk ir-riżorsi jew servizzi kif stabbilit fl-Anness I [Anness 11]".

5 L-Artikolu 6 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Azzjoni ta' Rimedju", jipprovdi:

"1. Meta d-danni ambjentali filfatt seħħew l-operatur għandu, mingħajr dewmien, jinforma l-awtorità kompetenti dwar kull aspett relevanti tas-sitwazzjoni u jieħu:

a) kull pass prattikabbli biex jikkontrolla malajr, jillimta, jneħħI jew f'kull mod ieħor jikkontrolla l-kontaminanti relevanti u/jew kull fattur ta' dannu ieħor sabiex id-danni ambjentali jkunu limitati jew aktar danni u l-effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem jew aktar tfixkil tas-servizzi jiġu evitati u

b) il-miżuri ta' rimedju neċessarji, skond l-Artikolu 7.

2. L-awtorità kompetenti tista', f'kull ħin:

a) titlob lil l-operatur biex jipprovdi informazzjoni supplimentari dwar kull danni li seħħew;

b) tiegħu, titlob lil l-operatur jiegħu jew tagħti istruzzjonijiet lil l-operatur dwar, kull pass prattikabbli biex jikkontrolla malajr, jillimta, jneħħi jew f'kull mod ieħor jikkontrolla l-kontaminanti relevanti u/jew kull fattur ta' dannu ieħor sabiex id-danni ambjentali jkunu limitati jew aktar danni u l-effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem jew aktar tfixkil tas-servizzi jiġu evitati;

ċ) titlob lil l-operatur jiegħu l-miżuri ta' rimedju neċessarji;

d) tagħti istruzzjonijiet lil l-operatur li huwa għandu jsegwi dwar il-miżuri ta' rimedju neċessarji; jew

e) hi innifisha tiegħu il-miżuri ta' rimedju neċessarji.

3. L-awtorità kompetenti għandha titlob li l-miżuri ta' rimedju jittieħdu mil l-operatur. Jekk l-operatur jonqos li jħares l-obliggi stabbiliti fil-paragrafu 1 jew 2(b), (ċ) jew (d), ma jistax jiġi identifikat jew mhux meħtieġ jbati l-ispejjeż skond din id-Direttiva, l-awtorità kompetenti tista' tiegħu l-miżuri hi stess, meta jkun falla kull tentattiv ieħor."

6 L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2004/35, intitolat "Id-determinazzjoni tal-miżuri ta' rimedju", jipprovdi:

"1. L-operaturi għandhom jidentifikaw, skond l-Anness II, miżuri ta' rimedju potenzali u jagħtuhom lil l-awtorità kompetenti għal l-approvazzjoni tagħha,

kemm-il darba l-awtorità kompetenti ma ħaditx passi skond l-Artikolu 6(2) (e) u (3).

2. L-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi liema miżuri ta' rimedju għandhom jiġu implimentati skond l-Anness II, u bil-koperazzjoni ta' l-operatur relevanti, kif rikjest [jekk ikun il-każ].

3. Meta jkun hemm iktar minn każ wieħed ta' danni ambjentali b'tali mod li l-awtorità kompetenti ma tistax tassigura li l-miżuri ta' rimedju neċessarji qed jittieħdu fl-istess waqt, l-awtorità kompetenti tkun intitolata tiddeċiedi liema każ ta' danni ambjentali għandhu jiġI rimedjat l-ewwel.

Hi u tieħu dik id-deċiżjoni, l-awtorità kompetenti għandha tikkunsidra, inter alia, in-natura, l-firxa u l-gravità tal-każijiet varji ta' danni ambjentali kkonċernati, u lill-possibilità ta' rkupru naturali. Ir-riskji lis-saħħa tal-bniedem għandhom ukoll jiġu kkunsidrati.

4. L-awtorità lokali kompetenti għandha ssejjah lill-persuni msemmija fl-Artikolu 12(1) u f'kull każ il-persuni li tagħhom hija l-art li fuqha jitwettqu l-miżuri ta' rimedju biex jagħtu l-osservazzjonijiet tagħhom u għandha tikkunsidrhom."

7 It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(2) tal-imsemmija direttiva jistabbilixxi:

"Bla ħsara lill-paragrafi 3 u 4, l-awtorità kompetenti għandha tirkupra, inter alia, permezz ta' l-garanzija fuq il-proprjetà jew garanziji oħra xierqa mill-operatur li

ikkawża d-danni jew il-periklu iminenti ta' danni, l-ispejjeż li ntefqu f'dak li għandu x'jaqsam mal-miżuri ta' prevenzjoni jew rimedju li ittieħdu skond din id-Direttiva."

8 L-Artikolu 11 tal-istess direttiva, intitolat "L-Awtorità kompetenti", jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw l-awtorità/awtoritajiet kompetenti responsabbli biex taderixxi/jaderixxu mad-doveri previsti f'din id-Direttiva.

2. L-obbligu li jkun stabbilit liema operator ikkawża d-danni jew periklu iminenti ta' danni, li ssir stima tas-sinjifikanza tad-danni u li jkun stabbilit liema miżuri ta' rimedju għandhom jittieħdu b'referenza għal l-Anness II huwa ta' l-awtorità kompetenti. Għal dan l-iskop, l-awtorità kompetenti tkun tista' titlob lil l-operatur relevanti, li jwettaq l-istima tiegħu u li jipprovdi kull informazzjoni u data neċessarja.

3. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-awtorità kompetenti tista' tagħti l-poter jew titlob lill-parti terzi jwettqu l-miżuri neċessarji ta' prevenzjoni u rimedju.

4. Kull deċiżjoni meħuda skond din id-Direttiva li timponi miżuri ta' prevenzjoni jew rimedju għandha tiddikjara r-raġunijiet li fuqhom ġiet ibbażata l-imsemmija deċiżjoni. L-imsemmija deċiżjoni għandha tkun notifikata malajr kemm jist' jkun lil l-operatur ikkonċernat, li għandu fl-istess waqt ikun informat dwar ir-rimedji legali lilu disponibbli skond il-liġijiet fis-seħħ fl-Istati Membri kkonċernati u dwar il-limitazzjonijiet fuq il-ħin li dawn ir-rimedji għandhom."

9 L-Artikolu 12 tad-Direttiva 2004/35, intitolat "Talba għal l-azzjoni" jipprovdi:

"Persuna fiżika jew ġuridika:

a) li huma milquta jew x'aktarx ikunu milquta mid-danni ambjentali jew

b) li għandhom interess biżżejjed fid-deċiżjonijiet dwar l-ambjent li għandhom x'jaqsmu ma danni jew, inkella,

(ċ) li jallegaw it-tfixkil ta' dritt, meta l-liġI tal-proċedura amministrattiva ta' l-Istati Membri titlob dan bħala prekondizzjoni,

għandhom ikunu intitolati li jagħtu lil l-awtorità kompetenti kull osservazzjoni li għandha x'taqsam ma każijiet ta' danni ambjentali jew il-periklu iminenti ta' danni li huma jafu bihom u ukoll ikunu intitolati li jitolbu lil l-awtorità kompetenti tieħu passi skond din id-Direttiva."

10 Taħt it-titolu "Ir-relazzjoni mal-liġI nazzjoni", l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2004/35 jipprovdi, li din id-direttiva "m'għandhiex iżżomm lil L-Istati Membri milli jżommu jew jadottaw dispożizzjonijiet aktar stretti f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju tad-danni ambjentali, li jinkludi l-identifikazzjoni ta' attivitajiet oħra li

jistgħu jkunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' prevenzjoni u rimedju ta' din id-Direttiva u l-identifikazzjoni ta' partijiet responsabbli oħra."

11 L-Artikolu 17 tal-istess direttiva, intitolat "Applikazzjoni temporali [*ratione temporis*]", jistabbilixxi li din ma tapplikax għal:

"[…]

— danni kkawżati minn emissjoni, każ jew inċident li seħħ qabel id-data msemmija fl-Artikolu 19(1),

— danni kkawżati minn emissjoni, każ jew inċident, seħħ wara d-data msemmija fl-Artikolu 19(1) meta tkun ir-riżultat ta' attività speċifika li seħħet u spiċċat qabel l-imsemmija data,

— danni, jekk iktar minn 30 sena għaddew mill-emissjoni, każ jew inċident, li jirriżultaw fid-danni, li ġraw."

12 It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) tal-imsemmija direttiva jispeċifika li l-Istati Membri għandhom jimplementaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ruħhom magħha sal-iktar tard it-30 ta' April 2007.

13 L-Anness II tad-Direttiva 2004/35, intitolata "Ir-rimedju tad-danni ambjentali", li l-punt 1.3 tiegħu li jitratta l-għażliet varji ta' rimedju, jipprovdi kif ġej:

"1.3.1. Ir-rimedji raġonevoli varji għandhom ikunu evalwati, bis-saħħa ta' l-aħjar teknoloġija disponibbli, fuq bażi tal-kriterji li ġejjin:

— L-effett ta' l-għażla fuq is-saħħa u salvagward tal-pubbliku,

— L-ispejjeż biex tiġI fis-seħħ dik l-għażla,

— Il-probabilità ta' suċċess ta' kull għażla,

— Kemm kull għażla jirnexxielha tevita danni fil-futur, u tevita Danni kollaterali bħala riżultat ta' l-implementazzjoni ta' l-għażla,

— Kemm, kull għażla, hija ta' benefiċċju għal kull komponent tar-riżorsi naturali u/jew tas-servizzi,

— Kemm, kull għażla, tikkunsidra problemi soċjali, ekonomiċi u kulturali u fatturi oħra relevanti li huma speċifiċi għal post,

— It-tul taż-żmien li jkun hemm bżonn biex ir-restorazzjoni tkun effettiva,

— Kemm, kull għażla, tirnexxi fir-restorazzjoni tal-post fejn hemm id- danni ambjentali,

— Il-konessjonijiet ġeografiċi mal-post li soffra d-danni.

[…]”

*Id-dritt nazzjonali*

14 Il-qorti tar-rinviju tirreferi għad-Digriet Leġiżlattiv Nru 22, tal-5 ta’ Frar 1997, dwar it-traspożizzjoni tad-Direttiva [tal-Kunsill] 91/156/KEE [tat-18 ta’ Marzu 1991, li temenda d-Direttiva 75/442/KEE dwar l-iskart] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 3), tad-Direttiva [tal-Kunsill] 91/689/KEE [tat-12 ta’ Diċembru 1991,] fuq skart perikoluż (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 78) u tad-Direttiva 94/62/KE [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta’ Diċembru 1994] dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 13, p. 349) (suppliment ordinarju tal-GURI Nru 38, tal-15 ta’ Frar 1997, iktar ’il quddiem id-“Digriet Leġiżlattiv Nru 22/1997”). Dan id-digriet tħassar u

ġie ssostitwit bid-Digriet Leġiżlattiv Nru 152, tat-3 ta' April 2006, dwar l-istandards ambjentali (suppliment ordinarju tal-GURI Nru 88, tal-14 ta' April 2006), li, permezz tal-Artikolu 299 sa 318 tiegħu, jittrasponi fis-sistema legali Taljana d-Direttiva 2004/35.

15 L-Artikolu 17 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 22/1997 jistabbilixxi li "kull persuna li taqbeż, anki b'mod aċċidentali, il-limiti stabbiliti fil-paragrafu 1(a), jew li toħloq riskju konkret u reali li l-imsemmija limiti ser jinqabżu, għandha, minn butha, tiżgura, tirrisana u tirriabilizza l-ambjent taż-żoni mniġġsa u tal-installazzjonijiet li jippreżentaw riskju ta' tniġġis [...]".

16 L-Artikolu 9 tad-Digriet Ministerjali Nru 471, tal-25 ta' Ottubru 1999, li jistabbilixxi l-kriterji, il-proċeduri u l-metodi ta' sigurtà, tar-"risanament" u ta' riabilitazzjoni tas-siti mniġġsa, skont l-Artikolu 17 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 22, tal-5 ta' Frar 1997, kif emendat u ssupplimentat (suppliment ordinarju tal-GURI Nru 293, tal-15 ta' Diċembru 1999), jipprovdi:

"Il-proprjetarju ta' sit jew persuna oħra li [...] minn jeddu jixtieq jibda l-proċeduri li jirrigwardaw il-miżuri ta' sigurtà urġenti, ta' risanament u ta' riabilitazzjoni ambjentali, skont l-Artikolu 17(13a) tad-Digriet Leġiżlattiv [Nru 22/1997], għandu jikkomunika lir-reġjun, lill-provinċja u lill-komun is-sitwazzjoni tat-tniġġis ikkonstatata kif ukoll l-eventwali miżuri ta' sigurtà urġenti eventwali neċessarji sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent adottati u fil-fażi tat-twettiq. Il-komunikazzjoni għandha tkun akkumpanjata b'dokumenti tekniċi xierqa li juru l-karatteristiċi tal-miżuri msemmija iktar 'il fuq. [...] [I]l-komun jew, fil-każ fejn it-tniġġis jirrigwarda t-territorju ta' diversi komuni, ir-reġjun, għandu jivverifika l-effikaċja tal-miżuri ta' sigurtà urġenti adottati u jista' jimponi struzzjonijiet u miżuri komplementarji, b'mod

partikolari miżuri ta' sorveljanza li għandhom jiġu implementati sabiex jiġu vverifikati ċ-ċirkustanzi tat-tniġġis u l-kontrolli li għandhom jitwettqu sabiex tiġi vverifikata l-effikaċja tal-miżuri implementati għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika u l-ambjent tal-viċinanza [...]"

17 L-Artikolu 311(2) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 152, tat-3 ta' April 2006, jipprovdi:

"Kull persuna li, billi twettaq fatt illeċitu jew billi tonqos milli teżerċita attivitajiet jew milli tadotta l-aġir meħtieġ, u bi ksur ta' dispożizzjoni, liġijiet jew miżuri amministrattivi, b'negliġenza, inkompetenza, imprudenza jew bi ksur tar-regoli tekniċi, tikkawża danni lill-ambjent billi tbiddlu, tgħarrqu jew teqirdu, totalment jew parzjalment, għandha tirriabilitah għall-*istatus quo ante* u, fin-nuqqas ta' dan, għandha tikkumpensa lill-Istat f'ammont ekwivalenti."

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

18 Il-kawżi prinċipali huma parti minn serje ta' rikorsi mressqa minn kumpanniji ta' madwar il-kosta tar-Rada ta' Augusta (Sicilia) kontra d-deċiżjonijiet ta' diversi awtoritajiet amministrattivi Taljani li imponew fuq dawn il-kumpanniji obbligi ta' rimedju tat-tniġġis ikkonstatat fis-sit ta' interess nazzjonali ta' Priolo.

19 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali essenzjalment jikkritikaw lill-imsemmija awtoritajiet amministrattivi talli aġixxew unilateralment fid-determinazzjoni tal-miżuri ta' rimedju għad-danni ambjentali kkawżati lill-imsemmi sit. B'mod partikolari, huma jilmentaw li dawn l-awtoritajiet bidlu, radikalment u mingħajr konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, il-proġetti ta' intervent li diġà kienu ġew approvati minn dawn

l-awtoritajiet. Dawn il-proġetti, li jinvolvu b'mod partikolari l-bini ta' diga ta' natura idrawlika tas-sfuf ta' taħt l-art saturati bl-ilma, kienu diġà bdew jiġu eżegwiti. Issa, il-proġett attwali, b'mod partikolari l-kostruzzjoni ta' barriera fiżika madwar il-kosta kollha tal-baħar li tmiss mas-siti industrijali tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, huwa radikalment differenti mill-proġett il-qadim u ma kien suġġett għal ebda evalwazzjoni ambjentali. Fl-aħħar nett, l-istess awtoritajiet huma kkritikati talli inġustament issuġġettaw il-possibbilità li dawn ir-rikorrenti jużaw l-artijiet industrijali tagħhom għall-kundizzjoni li huma jkunu diġà wettqu l-imsemmija xogħlijiet li, fil-verità, jirrigwardaw artijiet jew żoni ta' art oħra li ma humiex dawk li huma proprjetarji tagħhom.

20 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kienu għamlu kawżi quddiem il-qorti tar-rinviju li kienet annullat il-miżuri adottati mill-imsemmija awtoritajiet amministrattivi, b'mod partikolari fis-sentenza Nru 1254/2007, tal-21 ta' Lulju 2007. Hija kienet fil-fatt irrilevat li, peress li l-pjanijiet inizjali kienu diġà ġew approvati b'digriet interministerjali, li tahom natura definittiva, u peress li kienu fi stadju avvanzat ta' eżekuzzjoni, eventwali bidliet ta' dawn il-proġetti setgħu jiġu deċiżi biss permezz ta' digriet interministerjali ġdid. Din il-qorti kkonstatat ukoll li kien illoġiku li wieħed jipprova jikseb tlestija iktar mgħaġġla tax-xogħlijiet bl-użu ta' teknoloġija kompletament differenti minn dik diġà approvata. Fl-aħħar nett, hija kkunsidrat li d-deċiżjoni tal-imsemmija awtoritajiet ma kinitx motivata u ma kienet tinkludi l-ebda eżami tekniku u li ma kien sar ebda studju dwar l-impatt fuq l-ambjent tal-miżuri l-ġodda ta' rimedju li ġew imposti fuq ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali.

21 Minkejja din is-sentenza, l-awtoritajiet amministrattivi Taljani sussegwentement tennew it-talbiet tagħhom għat-twettiq b'mod partikolari ta' barriera fiżika. Għalhekk ġie adottat id-Digriet Nru 4486, tas-16 ta' April 2008, li għandu bħala suġġett "miżura finali ta' adozzjoni [...] tal-konferenza dipartimentali deċiżjorja tas-6 ta' Marzu 2008, rigward is-sit ta' interess nazzjonali ta' Priolo." Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali għalhekk reġgħu marru quddiem il-qorti tar-rinviju, u din min-naħa tagħha staqsiet jekk prattika amministrattiva bħal din hijiex konsistenti mad-dritt tal-Unjoni. Skont din il-qorti, is-sitwazzjoni speċifika ta' tniġġis ambjentali tas-sit ta' interess

nazzjonali ta' Priolo, għalkemm eventwalment tirrendi l-analiżi tar-riskji u tar-responsabbiltajiet fir-rigward ta' dan is-sit inutli jew mhux konkludenti, madankollu tista' tiġġustifika li l-imsemmija awtoritajiet, minn naħa, jaġixxu *ex officio*, mingħajr ma josservaw la l-prinċipji ta' kontradittorju u lanqas ir-regola tal-motivazzjoni tal-atti amministrattivi, u li għalhekk, min-naħa l-oħra, jimponu s-soluzzjonijiet li jqisu l-iktar adegwati sabiex jirrestrinġu l-effetti ambjentali tal-produzzjoni industrijali.

22 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunale amministrativo regionale della Sicilia ddeċieda li jissospendi l-proċeduri u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Id-Direttiva [2004/35/KE] [(...) u, f'din il-kawża, l-Artikolu 7 u l-Anness II tagħha, għandha tiġi interpretata fis-sens li] tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħti lill-amministrazzjoni pubblika s-setgħa li timponi, bħala 'metodi raġjonevoli ta' rimedju ta' dannu ambjentali', interventi fuq xogħlijiet għall-ambjent (f'dan il-każ, 'barriera fiżika' għall-ilma ta' taħt l-art tul xatt-il baħar kollu) li huma differenti u addizzjonali għal dawk magħżula qabel l-eżitu ta' diskussjonijiet [investigazzjoni] preliminari speċjali mal partijiet, li diġà ġew approvati, implementati u li qegħdin jitwettqu?

2) Id-Direttiva [2004/35/KE] [(...) u, fil-kawża preżenti, l-Artikolu 7 u l-Anness II tagħha, għandha tiġi interpretata fis-sens li] tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħti s-setgħa lill amministrazzjoni pubblika li timponi, *ex officio,* dawn ir-rekwiżiti [rimedji], jiġifieri mingħajr ma tkun evalwat il-kundizzjonijiet speċifiċi tas-sit, l-ispejjeż ta' implementazzjoni mqabbla mal-benefiċċji prevedibbli b'mod raġonevoli, id-danni kollaterali eventwali jew probabbli u l-effetti negattivi fuq is-saħħa u s-sigurtà pubblika, kif ukoll iż-żmien meħtieġ sabiex jitwettaq ix-xogħol?

3) Fid-dawl tas-sitwazzjoni speċifika li teżisti fis-sit ta' interess nazzjonali ta' Priolo, [id-Direttiva 2004/35/KE] [(...) u, fil-kawża preżenti, l-Artikolu 7 u l-Anness II tagħha, għandha tiġi interpretata fis-sens li] tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħti s-setgħa lill-amministrazzjoni pubblika li timponi tali rimedji *ex officio* dawn ir rekwiżiti [rimedji], bħala kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-użu leġittimu ta' żoni li mhumiex direttament relatati mal-bonifika [risanament], peress li diġà ġew bonifikati [risanati] jew għall-inqas mhux imniġġsa, inklużi fil-limiti tas-sit ta' interess nazzjonali ta' Priolo?"

23 Permezz ta' digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-21 ta' Ottubru 2008, il-Kawżi C-379/08 u C-380/08 ingħaqdu għall-finijiet tal-proċedura bil-miktub u orali, kif ukoll għall-finijiet tas-sentenza.

**Fuq id-domandi preliminari**

*Fuq l-ammissibbiltà*

24 Il-Gvern Taljan isostni li r-rinviju għal deċiżjoni preliminari huwa inammissibbli b'mod partikolari, minħabba l-fatt li, minn naħa, id-domandi magħmula jwasslu sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja teżamina l-leġiżlazzjoni nazzjonali, u, min-naħa l-oħra, li l-għan tal-qorti tar-rinviju ma huwiex li taqta' l-kawża li għandha quddiemha iżda, pjuttost, li tikkonfuta l-ġurisprudenza tal-qorti tal-appell tagħha.

25 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jitfakkar li, fil-kuntest ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari, għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar il-kompatibbiltà ta' miżura nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni, hija madankollu għandha l-ġurisdizzjoni li tipprovdi lill-qorti nazzjonali bl-elementi kollha ta' interpretazzjoni li jaqgħu taħt dan id-dritt li jistgħu jippermettulha tevalwa

din il-kompatibbiltà bil-għan li taqta' l-kawża li tressqet quddiemha (sentenza tat-22 ta' Mejju 2008, citiworks, C-439/06, Ġabra p. I-3913, punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata).

26 Barra minn hekk, qorti li ma tiddeċidix fl-aħħar istanza għandha, b'mod partikolari jekk tqis li l-evalwazzjoni legali tal-istanza superjuri tista' twassalha sabiex tagħti sentenza li tmur kontra d-dritt tal-Unjoni, tkun libera li tressaq id-domandi li qed iħabbtuha quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Jannar 1974, Rheinmühlen-Düsseldorf, 166/73, Ġabra p. 33, punt 4).

27 Fid-dawl tal-osservazzjonijiet preċedenti, id-domandi magħmula mit-Tribunale amministrativo regionale della Sicilia, intiżi sabiex tingħata interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/35, għandhom jingħataw risposta.

*Fuq l-ewwel żewġ domandi*

28 Permezz tal-ewwel żewġ domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikoli 7 u 11(4) tad-Direttiva 2004/35, moqrija flimkien mal-Anness II tagħha, jawtorizzawx lill-awtorità kompetenti tordna, *ex officio,* bidla sostanzjali fil-miżuri ta' rimedju għal danni ambjentali li kienu ġew deċiżi fi tmiem proċedura kontradittorja li saret b'kooperazzjoni mal-operaturi kkonċernati u li diġà ġew eżegwiti jew bdew jiġu eżegwiti, u dan mingħajr ma l-impożizzjoni ta' dawn il-miżuri ġodda ma kienet preċeduta minn evalwazzjoni, min-naħa tal-imsemmija awtorità, tal-ispejjeż u tal-benefiċċji tal-bidliet proposti f'termini ekonomiċi, ambjentali u tas-saħħa.

29 Fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, kif spjegati mill-qorti tar-rinviju u kif indirizzati kemm mill-Gvern Taljan kif ukoll mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, u qabel ma tingħata risposta għad-domandi magħmula, għandhom jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet tal-applikabbiltà *ratione temporis* tad-direttiva fit-tali ċirkustanzi.

Fuq l-applikabbiltà *ratione temporis* tad-Direttiva 2004/35

30 Il-Gvern Taljan u l-Kummissjoni għandhom dubju dwar kemm id-Direttiva 2004/35 tista' tapplika *ratione temporis* għall-fatti tal-kawżi prinċipali, sa fejn id-dannu ambjentali seħħ qabel it-30 ta' April 2007 u/jew jirriżulta, fi kwalunkwe każ, minn attivitajiet preċedenti li ntemmu qabel l-imsemmija data. Madankollu, il-Kummissjoni tagħti x'tifhem li din id-direttiva tista' tapplika fir-rigward tad-danni li seħħew wara t-30 ta' April 2007 u li jirriżultaw mill-attività attwali tal-operaturi kkonċernati. Madankollu, hija ma tistax tiġi applikata għat-tniġġis li seħħ qabel din id-data u li ġie kkawżat minn operaturi differenti minn dawk li bħalissa joperaw fir-Rada ta' Augusta u li l-awtoritajiet kompetenti qed jipprovaw jimputaw fuqhom.

31 F'dan ir-rigward, mill-premessa 30 tad-Direttiva 2004/35 jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni qies li d-dispożizzjonijiet marbuta mal-mekkaniżmu tar-responsabbiltà ambjentali stabbilit minn din id-direttiva "mhux kopert mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva [qabel ma jispiċċa t-terminu perentorju għall-implimentazzjoni]" tagħha, jiġifieri t-30 ta' April 2007.

32 L-imsemmi leġiżlatur indika espressament, fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 2004/35, is-sitwazzjonijiet fejn din ma kelliex tapplika. Peress li s-sitwazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione temporis* ta' din id-direttiva ġew iddefiniti fil-forma

negattiva, għandu jiġi dedott li, bħala prinċipju, kull sitwazzjoni oħra hija koperta, mill-perspettiva *ratione temporis*, mill-mekkaniżmu tar-responsabbiltà ambjentali stabbilit mill-imsemmija direttiva.

33 Mill-ewwel u mit-tieni inċiż tal-Artikolu 17 tad-Direttiva 2004/35 jirriżulta li din tal-aħħar la tapplika għal danni kkawżati, kemm jekk minn emissjoni, każ jew inċident, qabel it-30 ta' April 2007 u lanqas għal dawk ikkawżati wara din id-data meta jirriżultaw minn attività speċifika li ntemmet qabel din id-data.

34 Għandu jiġi dedott li din id-direttiva tapplika għal danni kkawżati minn emissjoni, każ jew inċident li seħħew wara t-30 ta' April 2007 meta dawn id-danni jirriżultaw kemm minn attivitajiet li seħħew wara din id-data, kif ukoll minn attivitajiet li seħħew qabel din id-data iżda li ma ntemmux qabel it-tmiem tal-imsemmija data.

35 Skont l-Artikolu 267 TFUE, li huwa bbażat fuq separazzjoni netta tal-funzjonijiet bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja, din tal-aħħar għandha l-ġurisdizzjoni biss li tiddeċiedi fuq l-interpretazzjoni jew il-validità ta' test tad-dritt tal-Unjoni, billi tibbaża ruħha fuq il-fatti li jkunu indikati lilha mill-qorti nazzjonali. Isegwi li, fil-kuntest tal-proċedura stabbilita mill-imsemmi artikolu, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex il-ġurisdizzjoni li tiddeċiedi li tapplika r-regoli tad-dritt tal-Unjoni, li l-Qorti tal-Ġustizzja tkun interpretat għal miżuri jew għal sitwazzjoni nazzjonali, peress li dan jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-qorti nazzjonali (ara s-sentenza tal-11 ta' Settembru 2008, CEPSA, C-279/06, Ġabra p. I-6681, punt 28).

36 Għaldaqstant, il-qorti tar-rinviju għandha l-ġurisdizzjoni li tistħarreġ, abbażi tal-fatti li hija biss tista' tevalwa, jekk, fil-kawża prinċipali, id-danni li huma s-suġġett tal-miżuri ta' rimedju ambjentali deċiżi mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti humiex koperti minn waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fil-punt 34 tas-sentenza preżenti.

37 Jekk din il-qorti tasal għall-konklużjoni li d-Direttiva 2004/35 ma hijiex applikabbli fil-kawża mressqa quddiemha, għaldaqstant, din is-sitwazzjoni taqa' taħt id-dritt nazzjonali, fl-osservanza tar-regoli tat-Trattat u bla ħsara għal atti legali sekondarji oħra.

38 F'dan ir-rigward, l-Artikolu 174 KE jindika li l-politika tal-Komunità Ewropea fil-qasam tal-ambjent tfittex livell għoli ta' protezzjoni u hija bbażata, b'mod partikolari, fuq il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas. Għalhekk, din id-dispożizzjoni tillimita ruħha li tiddefinixxi l-għanijiet ġenerali tal-Komunità fil-qasam tal-ambjent sa fejn l-Artikolu 175 KE jagħti lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea s-setgħa tat-teħid dwar x'azzjoni għandha tittieħed, jekk ikun il-każ, skont il-proċedura ta' kodeċiżjoni mal-Parlament Ewropew (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Lulju 1994, Peralta, C-379/92, Ġabra p. I-3453, punti 57 u 58).

39 Peress li l-Artikolu 174 KE, li jinkludi l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, japplika għall-azzjoni tal-Komunità, din id-dispożizzjoni ma tistax tiġi invokata bħala tali minn individwi bl-iskop li tiġi eskluża l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali, bħalma hija dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fil-qasam tal-politika ambjentali, meta l-ebda leġiżlazzjoni Komunitarja adottata abbażi tal-Artikolu 175 KE li tkopri speċifikament is-sitwazzjoni kkonċernata ma tkun applikabbli.

40 Sakemm il-qorti tar-rinviju tasal għall-konklużjoni li, minn naħa, id-Direttiva 2004/35 hija applikabbli *ratione temporis* għall-kawżi prinċipali u li, min-naħa l-oħra, huma sodisfatti l-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni *ratione materiae* ta' din id-direttiva, b'mod partikolari dawk speċifikati fil-punti 53 sa 59 tas-sentenza tad-9 ta' Marzu 2010, ERG *et* (C-378/08, Ġabra p. I-1919), id-domandi preliminari għandhom jiġu indirizzati kif ġej.

Fuq il-metodi ta' adozzjoni ta' miżuri ta' rimedju fis-sens tad-Direttiva 2004/35

— Osservazzjonijiet sottomessi lill-Qorti tal-Ġustizzja

41 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali essenzjalment isostnu li, fl-istruttura tad-Direttiva 2004/35, id-definizzjoni ta' miżuri ta' rimedju ambjentali għandha ssir fuq proposta tal-operaturi kkonċernati, jew għall-inqas, wara li jiġu kkonsultati. Minn dan isegwi li l-awtorità kompetenti ma tistax tbiddel, b'mod unilaterali u mingħajr konsultazzjoni mal-imsemmija operaturi, miżuri ta' rimedju għad-danni ambjentali diġà aċċettati minn dik l-awtorità, u dan iktar u iktar meta l-miżuri ta' rimedju inizjali kienu diġà bdew jiġu eżegwiti u kienu jippermettu li jintlaħaq l-għan li jiġi rmedjat id-dannu ambjentali u li jiġi eliminat kull riskju ta' impatt negattiv fuq is-saħħa tal-bniedem.

42 Barra minn hekk, fid-definizzjoni ta' miżuri ta' rimedju ambjentali, l-awtorità kompetenti hija obbligata twettaq analiżi tal-ispejjeż u tal-benefiċċji tal-miżuri proposti kif ukoll tal-fattibbiltà teknika tagħhom peress li "rimedji raġonevolment varji" biss, jiġifieri mhux sproporzjonati u bbażati fuq "l-aħjar teknoloġija disponibbli", jistgħu jiġu validament ikkonfermati. Fl-aħħar nett, din l-awtorità għandha tieħu inkunsiderazzjoni wkoll d-danni potenzjali li l-miżuri ta' rimedju jistgħu, fihom innifishom, joħolqu fuq l-ambjent u fuq is-saħħa tal-bniedem.

43 Il-Gvern Taljan jikkunsidra li l-leġiżlazzjoni tiegħu hija konformi mal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2004/35, peress li l-awtorità kompetenti tista' tippreskrivi mhux biss miżuri ta' rimedju konsistenti ma' dawk elenkati fl-Anness II ta' din id-direttiva, iżda wkoll miżuri itqal, eventwalment differenti minn dawk adottati fuq proposta tal-operaturi

kkonċernati u wara dibattitu kontradittorju. Fil-kawżi prinċipali, il-fatt li ma kienx hemm tali dibattitu fil-kuntest tal-miżuri sussegwenti adottati mill-imsemmija awtorità bl-ebda mod ma huwa inkonsistenti mar-rekwiżiti ta' din id-direttiva.

44 Il-Kummissjoni tikkunsidra li, anki jekk jiġi aċċettat li d-Direttiva 2004/35 hija applikabbli għall-kawżi prinċipali, xorta jibqa' l-fatt li dan ma jipprekludix intervent unilaterali tal-awtorità kompetenti. Fil-fatt, l-Artikoli 6(2) u 7(2) ta' din id-direttiva jagħtu lil tali awtorità setgħa diskrezzjonali wiesgħa fid-determinazzjoni tal-miżuri ta' rimedju ambjentali adegwati, peress li huwa previst li d-determinazzjoni tagħhom issir biss "bil-koperazzjoni ta' l-operatur relevanti, kif rikjest [jekk ikun il-każ]". L-Anness II tal-imsemmija direttiva ma jipprovdix forom speċifiċi u mandatorji ta' rimedju u lanqas metodi proċedurali speċifiċi f'dan ir-rigward. Dan l-anness jillimita ruħu biss li jiddetermina l-kriterji u l-għanijiet li għandhom jintlaħqu fl-għażla tal-miżuri l-iktar xierqa.

45 Barra minn hekk, l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2004/35 jippermetti lill-Istati Membri li jżommu jew jadottaw mekkaniżmi nazzjonali iktar stretti dwar ir-responsabbiltà ambjentali, u dan taħt il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 176 KE. Għalkemm, skont l-Artikolu 7(4) tal-istess direttiva, l-awtorità kompetenti għandha ssejjaħ "lill-persuni [...] li tagħhom hija l-art li fuqha jitwettqu l-miżuri ta' rimedju biex jagħtu l-osservazzjonijiet tagħhom u għandha tikkunsidrhom", il-Kummissjoni tikkunsidra li madankollu din l-awtorità ma tistax tkun marbuta minn tali osservazzjonijiet, sakemm madankollu l-metodi magħżula, fis-sens tal-Anness II ta' din id-Direttiva, jippermettu li jintlaħqu l-għanijiet ambjentali stabbiliti mid-direttiva.

— Ir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja

46 Fis-sistema tal-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva 2004/35, bħala prinċipju, huwa l-operatur li jikkawża d-danni ambjentali li għandu jieħu l-inizjattiva li jipproponi miżuri ta'

rimedju li jidhrulu xierqa għas-sitwazzjoni. Minħabba l-għarfien li l-operatur huwa preżunt li għandu dwar in-natura tad-dannu kkawżat lill-ambjent mill-attività tiegħu, tali sistema tista' tippermetti d-determinazzjoni u l-eżekuzzjoni malajr ta' miżuri ta' rimedju ambjentali xierqa.

47 Għalhekk, mill-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2004/35 jirriżulta li, meta dannu ambjentali fil-fatt seħħ, l-operatur għandu, mingħajr dewmien, jinforma l-awtorità kompetenti u jieħu, b'mod partikolari, il-miżuri ta' rimedju meħtieġa skont l-Artikolu 7 ta' din id-direttiva.

48 Madankollu, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6(2) tal-istess direttiva, din l-awtorità tista', b'mod partikolari u f'kull ħin, tobliga lill-operatur jieħu l-miżuri ta' rimedju neċessarji, tagħtih l-istruzzjonijiet li huwa għandu jsegwi sabiex jimplementhom, jew saħansitra, jekk ma jkunx hemm għażla oħra, tieħu hija stess dawn il-miżuri.

49 Barra minn hekk, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2004/35, l-awtorità kompetenti għandha tiddefinixxi l-miżuri ta' rimedju li għandhom jiġu implementati skont l-Anness II ta' din id-direttiva, u dan, jekk ikun il-każ, bil-kooperazzjoni tal-operatur rilevanti .

50 Skont l-Artikolu 11 tal-imsemmija direttiva, l-obbligu li jiġi stabbilit liema miżuri ta' rimedju għandhom jittieħdu fid-dawl tal-Anness II ta' din id-Direttiva huwa, fi kwalunkwe każ u jekk ma jkunx hemm għażla oħra, tal-awtorità kompetenti.

51 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat, kif irrilevat l-Avukat Ġenerali fil-punti 141 u 142 tal-konklużjonijiet tagħha, li l-awtorità kompetenti għandha wkoll is-setgħa li tbiddel, anki *ex officio*, jiġifieri anki fin-nuqqas ta' proposta inizjali

tal-operatur, miżuri ta' rimedju ambjentali deċiżi preċedentement. Fil-fatt, din l-awtorità tista', b'mod partikolari, tasal li fil-prattika tikkonstata l-ħtieġa għal azzjoni komplimentari għal dik li diġà ġiet deċiża, jew saħansitra tikkonkludi li l-miżuri deċiżi inizjalment huma ineffettivi u li miżuri oħra huma neċessarji biex jirrimedjaw għal tniġġis ambjentali speċifiku.

52 F'dan ir-rigward, mill-premessa 25 tad-Direttiva 2004/35 madankollu jirriżulta li, fl-implementazzjoni u l-eżekuzzjoni ta' mezzi effettivi intiżi li japplikaw il-mekkaniżmu ta' responsabbiltà ambjentali previst minn din id-direttiva, għandha tiġi ggarantita protezzjoni xierqa tal-interessi leġittimi tal-operaturi rilevanti u tal-partijiet l-oħra kkonċernati.

53 Filwaqt li l-Artikolu 7(4) tal-imsemmija direttiva jobbliga lill-awtorità kompetenti li, fiċ-ċirkustanzi kollha, ssejjaħ, b'mod partikolari, lil persuni li tagħhom hija l-art li fuqha għandhom jitwettqu miżuri ta' rimedju biex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom u li teħodhom inkunsiderazzjoni, madankollu l-Artikolu 7(2), ma għandux formula simili fir-rigward tal-operatur ikkonċernat mill-miżura ta' rimedju li l-imsemmija awtorità għandha l-intenzjoni li timponilu.

54 Madankollu, il-prinċipju ta' kontradittorju, li l-Qorti tal-Ġustizzja tiżgura l-osservanza tiegħu, jimponi l-obbligu fuq l-awtorità pubblika li tisma' lill-partijiet ikkonċernati qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni li tikkonċernahom (ara s-sentenza tat-13 ta' Settembru 2007, Land Oberösterreich u l-Awstrija vs Il-Kummissjoni, C-439/05 P u C-454/05 P, Ġabra p. I-7141, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

55 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għalkemm l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2004/35 ma jsemmix espressament id-dritt li l-operatur ikkonċernat jinstema' f'kull każ, għandu jiġi rikonoxxut li din id-dispożizzjoni ma tistax tiġi interpretata fis-sens li,

fid-determinazzjoni tal-miżuri ta' rimedju, fostom dawk imsemmija fl-Artikolu 6(2)(ċ) u (d) ta' din id-direttiva, l-awtorità kompetenti ma hijiex obbligata tisma' lil dan l-operatur.

56 Minn dan isegwi li, għall-finijiet ta' tibdil sostanzjali tal-miżuri ta' rimedju ambjentali li l-awtorità kompetenti diġà approvat, tibdil li din tal-aħħar hija awtorizzata li tadotta skont id-Direttiva 2004/35, l-Artikolu 7(2) ta' din tal-aħħar jimponi fuq l-imsemmija awtorità li tisma' lill-operaturi li fuqhom jiġu imposti dawn il-miżuri, ħlief meta l-urġenza tas-sitwazzjoni ambjentali titlob azzjoni immedjata mill-awtorità kompetenti. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 7(4), din l-awtorità għandha tkun obbligata li ssejjaħ, b'mod partikolari, lill-persuni li tagħhom hija l-art li fuqha għandhom jitwettqu l-miżuri biex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom, u li teħodhom inkunsiderazzjoni.

57 Rigward id-data li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni fil-proċess ta' implementazzjoni tal-miżuri ta' rimedju neċessarji, mill-Artikoli 7(2) u 11(2) tad-Direttiva 2004/35 jirriżulta li hija l-awtorità kompetenti li għandha tevalwa d-daqs tad-danni u tistabbilixxi dawn il-miżuri, u dan skont l-Anness II ta' din id-direttiva.

58 L-Anness II tad-Direttiva 2004/35 jistabbilixxi qafas komuni li għandu jiġi applikat mill-awtorità kompetenti sabiex jagħżlu l-miżuri l-iktar xierqa biex jiżguraw ir-rimedju għad-danni ambjentali. Il-punt 1.3.1 ta' dan l-anness jindika li l-għażliet ta' rimedju "għandhom ikunu evalwati, bis-saħħa ta' l-aħjar teknoloġija disponibbli", meta dawn ikunu definiti, fuq il-bażi ta' serje ta' kriterji speċifikati fl-imsemmi punt.

59 Il-leġiżlatur tal-Unjoni ma ddefinixxiex b'mod preċiż u fid-dettall il-metodoloġija preċiża li għandha tiġi segwita mill-awtorità kompetenti fid-definizzjoni tal-miżuri ta' rimedju, speċjalment minħabba l-fatt li, kif jirriżulta mill-premessa 24

tad-Direttiva 2004/35, sabiex tiġi sodisfatta l-funzjoni mogħtija lilha mis-sistema ta' din id-direttiva, l-imsemmija awtorità għandha jkollha setgħa diskrezzjonali xierqa sabiex tevalwa d-daqs tad-danni u tistabbilixxi miżuri ta' rimedju li għandhom jittieħdu. Madankollu, l-Anness II tad-istess direttiva jelenka għal dan l-iskop ċerti elementi li l-imsemmi leġiżlatur ikkunsidra rilevanti u li għandhom, għalhekk, jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-awtorità kompetenti, iżda dan ma jindikax il-konsegwenzi li din l-awtorità għandha tikkonkludi f'każ konkret ta' tniġġis.

60 F'dan ir-rigward, meta l-awtorità Komunitarja kompetenti tintalab, fil-kuntest tal-funzjoni mogħtija lilha mill-imsemmija direttiva, tagħmel evalwazzjonijiet kumplessi, is-setgħa diskrezzjonali li hija għandha tapplika wkoll, sa ċertu punt, għall-konstatazzjoni tal-fatti li fuqhom hija bbażata l-azzjoni tagħha (ara, b'analoġija, is-sentenzi tad-29 ta' Ottubru 1980, Roquette Frères vs Il-Kunsill, 138/79, Ġabra p. 3333, punt 25; tal-21 ta' Jannar 1999, Upjohn, C-120/97, Ġabra p. I-223, punt 34, u tal-15 ta' Ottubru 2009, Enviro Tech (Europe), C-425/08, Ġabra p. I-10035, punt 62).

61 Barra minn hekk, fl-eżerċizzju ta' din is-setgħa diskrezzjonali, l-imsemmija awtorità tibqa' obbligata, f'tali ċirkustanzi, li teżamina, b'attenzjoni u b'imparzjalità, l-elementi kollha rilevanti tal-każ inkwistjoni (ara, b'analoġija, is-sentenzi tal-21 ta' Novembru 1991, Technische Universität München, C-269/90, Ġabra p. I-5469, punt 14, u tas-6 ta' Novembru 2008, Il-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kummissjoni, C-405/07 P, Ġabra p. I-8301, punt 56).

62 F'dawn iċ-ċirkustanzi, meta jkun hemm il-kwistjoni ta' għażla bejn rimedji varji, li huwa l-każ meta l-awtorità kompetenti għandha l-ħsieb tbiddel miżuri ta' rimedju li hija kienet ħadet preċedentement, hija l-awtorità kompetenti li għandha l-obbligu, skont l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2004/35, moqri flimkien mal-paragrafu 1.3.1 tal-Anness II tagħha, li tevalwa kull waħda minn dawn l-għażliet fuq il-bażi, b'mod partikolari, tal-kriterji elenkati fl-imsemmi punt.

63 Għalhekk, meta l-awtorità kompetenti għandha l-intenzjoni li tbiddel sostanzjalment il-miżuri ta' rimedju għad-danni ambjentali li jkunu ġew deċiżi wara proċedura kontradittorja li saret b'kooperazzjoni mal-operaturi kkonċernati u li diġà twettqu jew kienu ser jibdew jitwettqu, jiġifieri fil-każ ta' tibdil tal-għażla ta' rimedju, din l-awtorità bħala prinċipju hija obbligata li tieħu inkunsiderazzjoni l-kriterji elenkati fil-punt 1.3.1 tal-Anness II tad-Direttiva 2004/35 u, barra minn hekk, skont l-Artikolu 11(4) tagħha, fid-deċiżjoni li hija tadotta f'dan ir-rigward, għandha tindika r-raġunijiet speċifiċi li jimmotivaw l-għażla tagħha kif ukoll, jekk ikun il-każ, dawk li huma tali li jiġġustifikaw il-fatt li ma kellux għalfejn isir eżami ddettaljat fid-dawl tal-imsemmija kriterji minħabba, pereżempju, l-urġenza tas-sitwazzjoni ambjentali.

64 B'mod partikolari, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-għażla eventwalment deċiża effettivament tippermetti li jinkisbu l-aħjar riżultati minn perspettiva ambjentali, mingħajr madankollu ma tesponi lill-operaturi kkonċernati għal spejjeż manifestament sproporzjonati meta mqabbla ma' dawk li kellhom jew suppost kellhom iħallsu fil-kuntest tal-ewwel għażla deċiża minn din l-awtorità. Tali kunsiderazzjonijiet, madankollu, ma għandhomx isiru meta din tal-aħħar tista' turi li l-għażla inizjalment magħżula effettivament irriżultat inadegwata għar-restorazzjoni, ir-riabilitazzjoni jew it-tibdil tar-riżorsi naturali milquta jew tas-servizzi mfixxkla, fis-sens tal-Artikolu 2(11) tad-Direttiva 2004/35.

65 Fl-aħħar nett, Stat Membru ma jistax jinvoka b'mod utli l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2004/35, jiġifieri li qed ifittex li jilħaq l-istess għan ta' protezzjoni tal-ambjent bħal dak kopert minnn din id-direttiva (ara s-sentenza tal-14 ta' April 2005, Deponiezweckverband Eiterköpfe, C-6/03, Ġabra p. I-2753, punt 41), f'sitwazzjoni fejn huwa jżomm fis-seħħ, jadotta regoli jew jawtorizzaw prattika li tippermetti lill-awtorità kompetenti li teħles, minn naħa, mill-osservanza tad-dritt għall-smigħ tal-operaturi u mill-obbligu li ssejjaħ lill-persuni li tagħhom hija l-art li fuqha għandhom jitwettqu l-miżuri ta' rimedju biex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom kif ukoll, min-naħa l-oħra, l-obbligu li jsir eżami ddettaljat tal-għażliet possibbli għal rimedju ambjentali.

66 Fil-fatt, minn naħa, id-dritt għal smigħ tal-operaturi u ta' dak tal-persuni li l-artijiet tagħhom huma kkonċernati minn miżuri ta' rimedju li jippreżentaw osservazzjonijiet jidhru li jikkostitwixxu protezzjoni minima, iggarantita mid-Direttiva 2004/35, li ma tistax raġonevolment tiġi kkonfutata. Min-naħa l-oħra, deċiżjoni dwar l-għażla ta' rimedju ambjentali, adottata mill-awtorità kompetenti mingħajr ma sar eżami ddettaljat tas-sitwazzjoni fid-dawl tal-kriterji elenkati fil-punt 1.3.1 tal-Anness II tad-Direttiva 2004/35, tista' twassal, kuntrarju għall-għanijiet ta' din id-direttiva, għal evalwazzjoni inadegwata tad-daqs tad-dannu u/jew ta' miżuri ta' rimedju li għandhom jittieħdu.

67 Fid-dawl ta' dak li ngħad iktar 'il fuq, r-risposta għall-ewwel żewġ domandi għandha tkun li l-Artikoli 7 u 11(4) tad-Direttiva 2004/35, moqrija flimkien mal-Anness II ta' din id-direttiva għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-awtorità kompetenti għandha s-setgħa li tbiddel b'mod sostanzjali miżuri ta' rimedju għad-danni ambjentali li jkunu ġew deċiżi wara proċedura kontradittorja li saret b'kooperazzjoni mal-operaturi kkonċernati u li diġà twettqu jew bdew jitwettqu. Madankollu, sabiex tadotta deċiżjoni bħal din:

— din l-awtorità hija obbligata li tisma' lill-operaturi li fuqhom ġew imposti tali miżuri, ħlief meta l-urġenza tas-sitwazzjoni ambjentali titlob azzjoni immedjata tal-awtorità kompetenti;

— l-imsemmija awtorità hija wkoll obbligata li ssejjaħ, b'mod partikolari, il-persuni li tagħhom hija l-art li fuqha għandhom jitwettqu dawn il-miżuri sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom u li teħodhom inkunsiderazzjoni, u

— din l-awtorità għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-kriterji elenkati fil-punt 1.3.1 tal-Anness II tad-Direttiva 2004/35 u tindika fid-deċiżjoni tagħha r-raġunijiet li jimmotivaw l-għażla tagħha kif ukoll, jekk ikun il-każ, ir-raġunijiet li jistgħu

jiġġustifikaw il-fatt li ma kellux għalfejn isir jew ma setax isir eżami ddettaljat fid-dawl tal-imsemmija kriterji minħabba, pereżempju, l-urġenza tas-sitwazzjoni ambjentali.

*Fuq it-tielet domanda*

68 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju ssaqsi jekk id-Direttiva 2004/35 għandhiex tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti lill-awtorità kompetenti li tissuġġetta l-eżerċizzju tad-dritt li l-operaturi kkonċernati minn miżuri ta' rimedju ambjentali għandhom li jużaw l-artijiet tagħhom għall-kundizzjoni li huma jwettqu x-xogħlijiet rikjesti minnha, u dan anki fil-każ fejn l-imsemmija artijiet ma jkunux affettwati minn dawn il-miżuri minħabba l-fatt li huma diġà kienu s-suġġett ta' miżuri preċedenti ta' "risanament" jew li qatt ma kienu mniġġsa.

Osservazzjonijiet ippreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja

69 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jsostnu li, meta art kienet suġġett ta' "risanament" jew qatt ma kienet imniġġsa, l-awtorità kompetenti ma għandha l-ebda setgħa li tissuġġetta l-użu ta' din l-art għat-twettiq ta' miżuri ta' rimedju ambjentali dwar sit ieħor, f'dan il-każ xatt-il baħar kollu u l-art ta' taħtha. Tali prattika tirrestrinġi eċċessivament id-dritt tal-proprjetà tagħhom u għalhekk tmur kontra l-prinċipju ta' proporzjonalità. L-interess stess li operatur għandu li titwettaq miżura ta' rimedju ambjentali hija preċiżament il-perspettiva li tkun tista' titkompla l-attività produttiva fuq l-art tiegħu. Barra minn hekk, l-artijiet tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali kienu diġà ġew iddkjarati ħielsa minn tniġġis, jew li saħansitra qatt ma kienu mniġġsa. Fl-aħħar nett, dawn ir-restrizzjonijiet qed jiġu imposti fuqhom minkejja li huma kienu spontanjament wettqu xogħlijiet ta' riabilitazzjoni tal-artijiet tagħhom u li ma humiex responsabbli għat-tniġġis inkwistjoni.

70 Il-Gvern Taljan jikkunsidra li l-prattika tal-awtorità kompetenti li biha l-użu tal-artijiet tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali jiġi ssuġġettat għall-kundizzjoni li huma jwettqu l-miżuri ta' rimedju ambjentali hija għal kollox leġittima u kompatibbli mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Tali prattika tissodisfa wkoll il-prinċipju ta' prekawzjoni, peress li jekk l-operaturi kkonċernati jistgħu jużaw iż-żoni risanati mingħajr restrizzjonijiet, huma jistgħu għalhekk iwettqu infrastruttura industrijali oħra, u dan ikun jikkostitwixxi ostakolu insormontabbli għat-twettiq ta' miżuri ta' rimedju meħuda minn din l-awtorità.

71 Skont il-Kummissjoni, id-Direttiva 2004/35 ma tipprekludix lill-awtorità kompetenti milli timponi fuq operatur miżuri ta' "risanament" ambjentali u milli tissuġġetta l-awtorizzazzjoni, sabiex dan tal-aħħar juża l-artijiet tiegħu li ma humiex direttament ikkonċernati mir-riabilitazzjoni, għat-twettiq ta' dawn il-miżuri. Hija ssostni li tali miżuri jistgħu saħansitra jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

Ir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja

72 Preliminarjament, għandu l-ewwel nett jiġi rrilevat li, kif jirriżulta mill-indikazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju, it-tniġġis inkwistjoni fil-kawżi prinċipali huwa għal kollox eċċezzjonali, kemm bħala daqs u kif ukoll bħala gravità tad-dannu lill-ambjent.

73 Fit-tieni lok, għandu jitfakkar li, għalkemm, kif isostnu r-rikorrenti fil-kawża prinċipali, l-artijiet tagħhom ma humiex affettwati mill-miżuri ta' rimedju inkwistjoni minħabba l-fatt li kienu s-suġġett ta' miżuri preċedenti ta' "[risanament]" jew li qatt ma kienu mniġġsa, il-fatt jibqa' li dawn l-artijiet jmissu mal-kosta kollha tal-baħar kollu li huwa

s-suġġett tal-imsemmija miżuri ta' rimedju u li attivitajiet ġodda li jsiru fuq dawn l-artijiet jistgħu jagħmlu t-tneħħija tat-tniġġis miż-żona kollha iktar diffiċli.

74 Kif diġà ġie indikat fil-punti 37 u 40 ta' din is-sentenza, jekk il-qorti tar-rinviju tasal għall-konklużjoni li d-Direttiva 2004/35 ma hijiex applikabbli, *ratione temporis* u/jew *ratione materiae*, fil-kawżi mressqa quddiemha, tali sitwazzjoni għalhekk taqa' taħt id-dritt nazzjonali, fl-osservanza tar-regoli tat-Trattat u bla ħsara għal atti legali sekondarji oħra.

75 Jekk għall-kuntrarju, l-imsemmija direttiva kellha tkun applikabbli, għandu jiġi enfasizzat li, fl-istruttura ta' din id-direttiva, l-operaturi huma suġġetti għal obbligi kemm ta' prevenzjoni kif ukoll ta' rimedju. Għalhekk, b'mod partikolari skont il-prinċipju ta' prekawzjoni u kif jirriżulta mill-premessa 2 tal-istess direttiva, dawn l-operaturi għandhom, minn naħa, jieħdu l-miżuri preventivi neċessarji biex jevitaw li jkun hemm dannu ambjentali.

76 Min-naħa l-oħra, meta d-danni ambjentali jkunu seħħew, bħal fil-kawżi prinċipali, l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2004/35 jipprovdi li l-operaturi għandhom jieħdu, b'mod partikolari, il-miżuri ta' rimedju neċessarji skont l-Artikolu 7 ta' din id-direttiva. Jekk ikun il-każ, l-awtorità kompetenti għandha l-prerogattiva li ġġiegħlhom jieħdu huma nfushom tali miżuri.

77 Fil-kawżi prinċipali, ir-rikorrenti jopponu l-miżuri li ġew deċiżi mill-awtoritajiet Taljani billi jinvokaw il-fatt li dawn ma jikkonċernawx l-artijiet li huma jokkupaw, li barra minn hekk diġà kienu s-suġġett ta' risanament. Madankollu, skont dawn l-istess awtoritajiet, it-tniġġis li jaffettwa r-Rada ta' Augusta ġej minn dawn l-artijiet, minħabba li nxtered fil-baħar.

78 F'ċirkustanzi eċċezzjonali bħal dawk deskritti fil-punti 72 u 73 iktar 'il fuq, id-Direttiva 2004/35 għandha tiġi interpretata fis-sens li tippermetti lill-awtorità kompetenti li titlob lill-operaturi ta' artijiet li jmissu mal-kosta kollha tal-baħar li tkun is-suġġetti ta' miżuri ta' rimedju li jwettqu huma stess dawn il-miżuri.

79 Id-Direttiva 2004/35 ma tispeċifikax il-metodi li bihom l-awtorità kompetenti tista' tobbliga lill-operaturi kkonċernati jieħdu l-miżuri ta' rimedju li hija ddeterminat. F'dawn iċ-ċirkustanzi, huwa kull Stat Membru li għandu jiddetermina tali metodi, li, minn naħa, għandhom ikunu intiżi għall-ksib tal-għan ta' din id-direttiva kif iddefinit fl-Artikolu 1 tagħha, jiġifieri sabiex tipprevjeni u tirrimedja d-danni ambjentali, u, min-naħa l-oħra, josservaw id-dritt tal-Unjoni, inklużi l-prinċipji ġenerali ta' dan id-dritt.

80 Rigward il-ksur tad-dritt tal-proprjetà li fuqu qed jibbażaw ruħhom ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, id-dritt għal proprjetà jagħmel parti mill-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, madankollu, dan id-dritt ma huwiex wieħed assolut iżda għandu jiġi kkunsidrat fir-rigward tar-rwol tiegħu fis-soċjetà. Għaldaqstant, l-użu tad-dritt tal-proprjetà jista' jiġi llimitat, dejjem sakemm dawn ir-restrizzjonijiet effettivament jissodisfaw għanijiet ta' interess ġenerali mfittxa mill-Unjoni u sakemm ma jikkostitwixxux, fir-rigward tal-għan imfittex, intervent sproporzjonat u intollerabbli li jippreġudika s-sustanza stess tad-dritt hekk iggarantit (sentenzi tat-13 ta' Diċembru 1979, Hauer, 44/79, Ġabra p. 3727, punt 23; tal-11 ta' Lulju 1989, Schräder HS Kraftfutter, 265/87, Ġabra p. 2237, punt 15; tad-29 ta' April 1999, Standley *et*, C-293/97, Ġabra p. I-2603, punt 54, kif ukoll tat-3 ta' Settembru 2008, Kadi u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, C-402/05 P u C-415/05 P, Ġabra p. I-6351, punt 355).

81 Rigward l-għanijiet ta' interess ġenerali msemmija preċedentement, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta wkoll li l-protezzjoni tal-ambjent hija waħda

minn dawn l-għanijiet (ara s-sentenzi tas-7 ta' Frar 1985, ADBHU, 240/83, Ġabra p. 531, punt 13; tal-20 ta' Settembru 1988, Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka, 302/86, Ġabra p. 4607, punt 8, u tat-2 ta' April 1998, Outokumpu, C-213/96, Ġabra p. I-1777, punt 32).

82 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-fatt li d-dritt tal-operaturi rilevanti li jużaw l-artijiet tagħhom jiġi suġġett għall-kundizzjoni li jwettqu l-miżuri neċessarji ta' rimedju ambjentali jista' jidher iġġustifikat sabiex jobligħom effettivament jitteħdu dawn il-miżuri.

83 F'dan ir-rigward, kif ġustament sostna l-Gvern Taljan, huwa leġittimu li l-awtorità kompetenti, meta tipprova twettaq miżuri ta' rimedju ambjentali li hija ddeterminat, tieħu kull miżura xierqa biex tevita li s-sitwazzjoni ambjentali, fil-post fejn il-miżuri jiġu implementati, tmur għall-agħar, jew saħansitra, skont il-prinċipju ta' prekawzjoni, sabiex tipprevjeni l-okkorrenza jew ir-rikorrenza ta' danni ambjentali oħra fis-siti li jmissu mal-postijiet li huma s-suġġett tal-imsemmija miżuri.

84 Fil-fatt, il-fatt li l-użu tal-artijiet tal-operaturi kkonċernati jkun suġġett għat-twettiq, minn dawn tal-aħħar, ta' miżuri ta' rimedji dwar siti li jmissu ma' dawn l-artijiet jista' jidher neċessarju sabiex jiġi evitat li jiġu effettwati attivitajiet industrijali oħra, li jistgħu jaggravaw id-danni inkwistjoni jew li jostakolaw ir-rimedju tagħhom, fis-siti fejn hija neċessarja riabilitazzjoni.

85 Minn dan isegwi li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk f'dan ir-rigward, fil-kawżi prinċipali, is-sospensjoni ta' ċerti prerogattivi relatati mad-drittijiet

tal-proprjetà li l-operaturi għandhom fuq l-artijiet tagħhom hijiex iġġustifikata mill-għan li jiġi evitat li s-sitwazzjoni ambjentali, fil-post fejn il-miżuri ta' rimedju ambjentali jiġu implementati, jiġifieri fir-Rada ta' Augusta, tmur għall-agħar, jew, skont il-prinċipju ta' prekawzjoni, mill-għan li tiġi evitata l-okkorrenza jew ir-rikorrenza ta' danni ambjentali oħra fl-imsemmija artijiet, li jmissu mal-kosta kollha tal-baħar li hija s-suġġett ta' dawn il-miżuri ta' rimedju.

86 Madankollu għandu jiġi eżaminat jekk tali miżuri, permessi mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, ma jaqbżux il-limiti ta' dak li huwa xieraq u neċessarju għat-twettiq tal-għanijiet leġittimament mfittxa mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni, filwaqt li huwa mifhum li, meta teżisti għażla bejn diversi miżuri xierqa, għandha tintgħażel dik li hija l-anqas oneruża u l-iżvantaġġi kkawżati ma għandhomx ikunu sproporzjonati meta pparagunati mal-għanijiet imfittxa (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-5 ta' Ġunju 2008, Industria Lavorazione Carni Ovine, C-534/06, Ġabra p. I-4129, punt 25, u tal-11 ta' Ġunju 2009, Nijemeisland, C-170/08, Ġabra p. I-5127, punt 41).

87 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li, skont id-Direttiva 2004/35, l-operaturi kkonċernati huma obbligati li jwettqu l-miżuri ta' rimedju ddeterminati mill-awtorità kompetenti u din tal-aħħar għandha tkun tista' tobbligħom jagħmlu dan.

88 Għalkemm huwa ċertament minnu li, skont l-Artikolu 6(2)(e) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(2) tal-imsemmija direttiva, l-awtorità kompetenti għandha l-possibbiltà li tieħu hija stess il-miżuri ta' rimedju neċessarji u li tirkupra l-ispejjeż ta' tali miżuri permezz ta' garanzija kawtelatorja jew garanziji oħra xierqa.

89 Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li din hija opportunità li hija disponibbli għall-awtorità kompetenti, li tista' tippreferi li tobbliga lill-operaturi kkonċernati jwettqu l-miżuri ta' rimedju neċessarji pjuttost milli twettaqhom hija stess.

90 Barra minn hekk, l-effett ħażin fuq id-dritt ta' proprjetà tal-imsemmija operaturi huwa limitat għad-dritt tagħhom li jużaw l-artijiet tagħhom, u jibqa' temporanju, fis-sens li, meta huma ser iwettqu l-miżuri ta' rimedju li ġew imposti fuqhom mill-awtoritajiet kompetenti, huma ser ikunu jistgħu jirkupraw b'mod sħiħ l-użu tal-prerogattivi marbuta mad-drittijiet tagħhom ta' proprjetà.

91 F'dawn iċ-ċirkustanzi, tali miżuri tal-awtorità kompetenti ma jidhrux li jmorru lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan fundamentali tad-Direttiva 2004/35 ta' prevenzjoni u ta' rimedju għad-danni ambjentali, li jimplika, f'dan il-każ, li l-operaturi kkonċernati jimplementaw il-miżuri ta' rimedju speċifikati minn din l-awtorità.

92 Għaldaqstant ir-risposta għat-tielet domanda għandha tkun li, f'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali, id-Direttiva 2004/35 ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti lill-awtorità kompetenti li tissuġġetta l-eżerċizzju tad-dritt li l-operaturi kkonċernati minn miżuri ta' rimedju ambjentali għandhom li jużaw l-artijiet tagħhom għall-kundizzjoni li huma jwettqu x-xogħlijiet rikjesti minnha, u dan anki fil-każ fejn l-imsemmija artijiet ma jkunux affettwati minn dawn il-miżuri minħabba l-fatt li huma diġà kienu s-suġġett ta' miżuri preċedenti ta' "risanament" jew li qatt ma kienu mniġġsa. Madankollu, tali miżura għandha tkun iġġustifikata mill-għan li jiġi evitat li s-sitwazzjoni ambjentali tal-post fejn l-imsemmija miżuri jiġu implementati tmur għall-agħar, jew, skont il-prinċipju ta' prekawzjoni, mill-għan tal-prevenzjoni tal-okkorrenza jew ir-rikorrenza ta' danni ambjentali oħra fl-imsemmija artijiet tal-operaturi, li jmissu mal-kosta kollha tal-baħar li hija s-suġġett ta' dawn il-miżuri ta' rimedju.

**Fuq l-ispejjeż**

93 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja, (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

**1) L-Artikoli 7 u 11(4) tad-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' April 2004, dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali, moqrija flimkien mal-Anness II ta' din id-direttiva, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-awtorità kompetenti għandha s-setgħa li tbiddel b'mod sostanzjali miżuri ta' rimedju għad-danni ambjentali li jkunu ġew deċiżi wara proċedura kontradittorja li saret b'kooperazzjoni mal-operaturi kkonċernati u li diġà twettqu jew bdew jitwettqu. Madankollu, sabiex tadotta deċiżjoni bħal din:**

**— din l-awtorità hija obbligata li tisma' lill-operaturi li fuqhom ġew imposti tali miżuri, ħlief meta l-urġenza tas-sitwazzjoni ambjentali titlob azzjoni immedjata tal-awtorità kompetenti;**

**— l-imsemmija awtorità hija wkoll obbligata li ssejjaħ, b'mod partikolari, il-persuni li tagħhom hija l-art li fuqha għandhom jitwettqu dawn il-miżuri sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom, u li teħodhom inkunsiderazzjoni, u**

**— din l-awtorità għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-kriterji elenkati fil-punt 1.3.1 tal-Anness II tad-Direttiva 2004/35 u tindika fid-deċiżjoni tagħha r-raġunijiet li jimmotivaw l-għażla tagħha kif ukoll, jekk ikun il-każ, ir-raġunijiet li jistgħu jiġġustifikaw il-fatt li ma kellux għalfejn isir jew ma setax isir eżami ddettaljat fid-dawl tal-imsemmija kriterji minħabba, pereżempju, l-urġenza tas-sitwazzjoni ambjentali.**

**2) F'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali, id-Direttiva 2004/35 ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti lill-awtorità kompetenti li tissuġġetta l-eżerċizzju tad-dritt li l-operaturi kkonċernati minn miżuri ta' rimedju ambjentali għandhom li jużaw l-artijiet tagħhom għall-kundizzjoni li huma jwettqu x-xogħlijiet rikjesti minnha, u dan anki fil-każ fejn l-imsemmija artijiet ma jkunux affettwati minn dawn il-miżuri minħabba l-fatt li huma diġà kienu s-suġġett ta' miżuri preċedenti ta' "risanament" jew li qatt ma kienu mniġġsa. Madankollu, tali miżura għandha tkun iġġustifikata mill-għan li jiġi evitat li s-sitwazzjoni ambjentali tal-post fejn l-imsemmija miżuri jiġu implementati tmur għall-agħar, jew, skont il-prinċipju ta' prekawzjoni, mill-għan tal-prevenzjoni tal-okkorrenza jew ir-rikorrenza ta' danni ambjentali oħra fl-imsemmija artijiet tal operaturi, li jmissu mal-kosta kollha tal-baħar li hija s-suġġett ta' dawn il miżuri ta' rimedju.**

Firem